


OTTUBRU 2018 - JANNAR 2019

# MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Il-Ħiliet meħtieġa għas-seklu 21**

Huwa stat ta' fatt li l-għerf qed jiġġedded u jinbidel b'ritmu mgħaġġel. Huwa stat ta' fatt li l-postijiet tax-xogħol li se jkunu qed jaħdmu fihom l-istudenti tagħna għada pitgħada għad iridu jinħolqu. Għaldaqstant l-enfasi li qed tingħata u trid tingħata llum il-ġurnata mill-edukazzjoni mhix daqstant fuq l-għerf iżda fuq il-ħiliet meħtieġa biex nagħrfu nadattaw għal kull sitwazzjoni li nsibu ruħna fiha. Għalkemm il-proċess biex it-tagħlim fil-klassi ikun jirrifletti dan beda, din il-bidla fil-mentalità kollettiva t'għalliema, studenti u ġenituri tieħu ż-żmien tagħha biex isseħħ.

Iżda x'inhuma dawn il-ħiliet tant importanti li kulħadd jitkellem fuqhom? Ewlenin fosthom insibu l-**Komunikazzjoni effettiva** - Il-ħila li wieħed ikun kapaċi jikkomunika b'mod ċar u kunfidenti quddiem in-nies u man-nies, li ma tiddejjaqx tesprimi l-ideat u li tkun konvinċenti bl-ideat tiegħek filwaqt li tirrispetta l-ideat ta' ħaddieħor. It-**Teamwork -** Il-ħila li tkun kapaċi taħdem f'tim, li tkun kapaċi tikkollabora m'oħrajn u li s-suċċess finali jiddependi fuq l-*input* ta' kull individwu fit-tim. Il-**Kreattività** - li tkun kapaċi toħloq u li jkollok sens t'**inizjattiva** sabiex timbotta l-ideat tiegħek u li tkun **flessibbli** u kapaċi **tadatta** għal sitwazzjonijiet li kontinwament jevolvu u jiżviluppaw.

L-iskola temmen bis-sħiħ fl-importanza ta' dawn il-ħiliet u nediet diversi korsijiet komplimentari għall-kurrikulu formali sabiex dawn il-ħiliet jitwasslu u jitħaddnu. Kien għalhekk li investejna b'mod qawwi fil-programm XL u fis-sħubija mal-MCAST f'korsijiet strutturati b'ċertifikazzjoni fil-*performing arts* wara l-ħin tal-iskola. Hu għalhekk li ma nieqfu qatt nimbuttaw tali inizjattivi sabiex ħafna studenti jibbenefikaw minnhom. Hu għalhekk li l-ħin kollu noħorġu b'inizjattivi kreattivi u imprenditorjali ġodda sabiex kull student u studenta ikollhom l-opportunità li jipprattikaw dawn il-ħiliet.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-Iskola



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 2598 4400, 2598 4414
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# ĦUT, DNIEFEL U FRIEFET GĦAL *ORFEO U MAJNUN*



Il-bidu ta' sena skolastika toffri sfidi differenti kemm għall-għalliema kif ukoll għall-istudenti. Toffri sfida ferm akbar, meta student jibda jattendi skola ġdida bħalma ġara fil-każ tal-istudenti tad-disa' sena li ngħaqdu magħna f'Settembru li għadda. Huwa veru li ħafna minn dawn l-istudenti kienu diġà qattgħu l-aħħar sentejn flimkien fil-*Middle School* imma l-għażla ta' suġġetti ġodda tirrikjedi wkoll klassijiet, kollegi u nisperaw ...ħbieb ġodda.



Għal dan il-għan, nhar il-Ġimgħa 5 t'Ottubru ttellgħet attività flimkien ma' Valletta 2018, fejn l-istudenti tad-disa' sena flimkien mal-ġenituri tagħhom kienu mistiedna jattendu *workshop* u kollha flimkien kellhom jibnu pupazzi t'annimali differenti. L-iskop wara dan il-*workshop* kien li dawn iż-żgħażagħ iqattgħu ftit ħin ma' sħabhom tal-klassi, jagħmlu xi ħaġa totalment differenti u fl-istess ħin isiru jafu xi ftit aktar lil xulxin. Fil-fatt din l-attività serviet ta' *ice breaker* peress li l-maġġoranza tal-istudenti ħadmu flimkien u għenu lil xulxin. L-atmosfera kienet waħda ferrieħa u fl-aħħar kulħadd kien sodisfatt bir-riżultat finali. Ammonti kbar ta' ħut, dniefel, friefet u annimali oħra mlew is-sala tal-iskola u fl-aħħar spiċċajna bil-mużika u l-briju.

Il-pupazzi mbagħad intużaw għall-parata ta' *Orfeo u Majnun* li ttellgħet il-Belt Valletta fis-27 t'Ottubru 2018. L-iskola tagħna kienet abbinata mal-banda Prince of Wales tal-Birgu u l-istudenti tagħna flimkien mal-ġenituri u xi għalliema mxew mat-toroq tal-Belt flimkien ma' għaqdiet u baned oħra. Grazzi kbira lil dawk il-ġenituri u għalliema li taw daqqa t'id fl-attività l-iskola. Grazzi wkoll lis-Sur Kevin Zerafa, lill-membri tal-istaff u lill-organizzaturi ta' Valletta 2018 li ħadmu biex tittella' l-attività fl-iskola.



L-aħħar imma mhux l-anqas, ringrazzjament speċjali jmur lil dawk il-ġenituri li akkumpanjaw lill-istudenti wliedhom fil-parata fil-Belt Valletta kif ukoll lil dawk l-għalliema li għoġobhom jingħaqdu magħna. Nassigurakom li l-isforz tagħkom kien ferm apprezzat.

*Is-Sa Melanie Vella Sammut*

# PERFORMING ARTS



Għat-tieni sena konsekuttiva fl-iskola tagħna saret ċeremonja ta' għoti ta' ċertifikati għal numru sabiħ ta' studenti li temmew b'suċċess kors fil-*Performing Arts*. Dan huwa proġett bi sħab bejn l-MCAST u l-iskola tagħna li issa qiegħed fit-tielet sena tiegħu. Proġett li jinkludi wkoll suġġetti bħall-IT u l-Engineering. Imma s-sabiħ ta' dan il-kors partikolari hu, li t-tfal mhux biss qed itellgħu produzzjonijiet ta' kwalità għad-divertiment ta' kulħadd imma qed jitgħallmu ħafna ħiliet mhux biss applikabbli għall-palk imma anke għall-ħajja ta' kuljum bħall-puntwalità, ir-responsabbiltà, ir-rispett, li tisma' lil ħaddieħor, li toffri l-għajnuna tiegħek fejn tħossok li int kapaċi filwaqt li taċċetta l-għajnuna ta' ħaddieħor fejn ikollok bżonn, it-*teamwork*, id-determinazzjoni, l-użu tal-ħin, li tikkommetti ruħek u ħafna aktar.

Din is-sena kien hemm 52 student li ħadu ċ-ċertifikat, min wara l-ewwel u oħrajn wara t-tieni sena. Ċertifikati li għal min jixtieq ikompli fl-istudji tal-*Performing Arts* fl-MCAST ser isibhom lesti. Dawn il-korsijiet ser ikunu ta' benefiċċju ukoll kemm bħala esperjenza personali kif ukoll fil-kredenzjali tal-istudenti.



Il-programm infetaħ b'silta żgħira teatrali li ffukat fuq l-ansjetà. Silta li ġiet interpretata minn erba' studenti u li fiha esploraw it-tliet oqsma differenti li ħadmu fuqhom matul dan il-kors: id-Drama, il-Moviment u l-Mużika. Silta li kellha l-għan li toħloq aktar kuxjenza dwar is-saħħa mentali. Wara kellna d-diskors ta' studenta li qasmet l-esperjenza tagħha ta' dan il-kors: id-diffikultajiet, il-mumenti sbieħ imma fuq kollox is-sodisfazzjon li tferraħ jew tgħaddi messaġġ lill-udjenza ta' quddiemek. Segwew diskorsi mis-surmast, mill-kap tal-Foundation Studies tal-MCAST kif ukoll mill-Onorevoli Clifton Grima.



L-attività għalqet bl-għoti taċ-ċertifikati u l-awgurju għal numru sabiħ ta' studenti li kienu preżenti u li din is-sena bdew dan l-istess kors: Introduction to Perfroming Skills 1.

*Is-Sur Keith Scicluna*

# SKAMBJU SKOLASTIKU MEMORABBLI F'KASSEL

Għal 24 student, il-ġimgħa ta' bejn is-16 u t-23 ta' Ottubru kienet waħda li mhu se jinsew qatt għax kellhom l-opportunità li jqattgħu sebat ijiem f'Kassel, belt fil-Ġermanja mal-mitejn kilometru fit-Tramuntana tal-belt ta' Frankfurt.

Kassel tinstab fir-reġjun ta' Hessen u għandha popolazzjoni ta' madwar mitejn elf ruħ. L-istudenti tagħna ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-għalliema, studenti u ġenituri tal-iskola tar-Reformschule li magħhom qed jaqsmu dan l-iskambju skolastiku.

Mil-lat edukattiv, l-istudenti tagħna qattgħu ħin jieħdu sehem fil-lezzjonijiet tal-istudenti Ġermaniżi.



Ipparteċipaw f'lezzjonijiet b'mod attiv, filwaqt li ħadu sehem ukoll f'attivitajiet sportivi, *sing alongs* u ħarġiet kulturali madwar il-belt ta' Kassel fejn żaru fost oħrajn il-Mużew naturali kif ukoll l-impjant enormi tal-karozzi Volkswagen. Żaru wkoll Fritzlar, belt żgħira tipika Ġermaniża fejn minbarra li kellhom dawra bi gwida mal-fortifikazzjonijiet ta' din il-belt ħelwa, setgħu iduqu l-benna tal-prodotti lokali tipikament Ġermaniżi.

Żjara li żgur li se jibqgħu jiftakru hi fil-park tad-divertiment ta' Heidepark fejn l-istudenti tagħna u sħabhom Ġermaniżi qattgħu ġurnata juru l-kuraġġ tagħhom f'dan il-park meraviljuż.

L-istess bħalma se jibqgħu jiftakru l-ġurnata li qattgħu mal-familji ta' sħabhom l-istudenti Ġermaniżi fejn il-ġenituri organizzaw ħarġa għall-familja flimkien mal-istudenti tagħna.

L-iskambji skolastiċi huma mod ieħor kif inkabbru r-rispett lejn pajjiżna anke barra minn xtutna filwaqt li nsibu dak li jgħaqqadna bejn il-popli u kemm aħna importanti għal xulxin.

Kif qalilna gwida Ġermaniża li għandu wkoll imħabba speċjali għal pajjiżna, fi żmien it-tieni gwerra dinjija aħna sofrejna mill-bombi tagħhom filwaqt li l-bliet tagħhom ġew imfarrka mill-bombi




Ingliżi. Konna għedewwa fil-gwerra imma permezz ta' djalogu u qsim ta' esperjenzi simili tgħallimna napprezzaw is-sabiħ ta' xulxin mingħajr ma ħadd ma tilef l-identità tiegħu.

Quddiem il-vantaġġi ta' skambji skolastiċi nappella lill-awtoritajiet sabiex attivitajiet simili jibqgħu



jiżdiedu u aktar studenti jkunu ambaxxaturi denji ta' pajjiżna.

Xhieda ta' dan hija l-attività tal-*farewell* fejn l-istudenti tagħna taw sitt preżentazzjonijiet qosra imma effettivi dwar it-tradizzjonijiet, drawwiet u storja ta' pajjiżna li ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-ġenituri u ħbieb tagħhom li attendew bi ħġarhom għal din l-attività.

Fl-aħħar nett l-istudenti tagħna tgħallmu wkoll jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Riedu jfendu għal rashom għal ġimgħa sħiħa fir-responsabbiltà ta' dokumenti u flus, fil-ħarsien tal-iġene personali, fl-użu tat-trams u trains u fil-qsim b'attenzjoni tat-toroq. Ma naqasx ukoll li jitgħallmu jnaddfu warajhom wara l-ikliet ta' nofsinhar u filgħaxija!



Huma ħiliet li wieħed jakkwista billi jgħaddi minnhom u jieħu l-aħjar mill-esperjenza li jkun għaddej minnha.

Issa jmiss li nistennew li nagħtu merħba lill-kontinġent Ġermaniż li se jżur lil pajjiżna f'Marzu tal-2019 sabiex mhux biss nirrikambjaw l-ospitalità li wrew magħna imma nkomplu nsaħħu l-ħbiberija bejnietna u nuru s-sabiħ ta' pajjiżna wkoll.

U bilħaqq....l-istudenti jkollhom opportunità oħra sabiex ikomplu jipprattikaw il-Ġermaniż!

Il-grupp tmexxa b'abbiltà mill-għalliema Priscilla Callus u Sylvana Bezzina u l-Assistent Kap Ray Muscat.

*Is-Sur Ray Muscat*
Assistent Kap

# PROĠETT TA' ERASMUS



Tliet għalliema mill-iskola tagħna, Is-Sa Haber, Is-Sa Mamo u s-Sur Scicluna, flimkien mal-Assistent Kap is-Sa Camilleri, ħadu sehem fl-ewwel żjara ta' preparazzjoni tal-proġett ta' Erasmus li għandu t-titlu ta' eDUCATE u huwa bbażat fuq valuri Ewropej bħad-drittijiet umani u d-demokrazija u kif tista' xxerred dawn il-valuri permezz tal-logħob. Huma ngħaqdu ma' 11-il għalliem ieħor minn madwar l-Ewropa f'Seville fi Spanja. Fil-fatt l-għalliema l-oħra kienu ġejjin mill-Ġermanja, l-Italja, ir-Renju Unit u Spanja.

Dan il-proġett jinkludi skambji kemm ta' għalliema kif ukoll ta' studenti, bl-attività ewlenija tkun il-mobilità. Il-grupp żar l-Iskola Superjuri tal-Arti Drammatika ta' Seville, fejn ra kif taħdem filwaqt li ħa sehem f'numru ta' attivitajiet formattivi relatati mal-karatterizzazzjoni, l-interpretazzjoni u aktar. L-attivitajiet tal-ġimgħa varjaw minn *workshops* oħra relatati mat-teatru, flimkien ma' laqgħat ta' kordinazzjoni qabel iż-żjara bl-istudenti li ser issir fil-Ġermanja f'Mejju. Permezz ta' dan l-eTwinning, studenti li jistudjaw il-*European Studies* ser jaħdmu fuq il-valuri ewropej permezz ta' attivitajiet varji u l-grupp tad-drama ser ikun qiegħed jagħti l-ħajja lil dawn il-valuri permezz ta' xogħol teatrali.



# ANIMAL AWARENESS DAY

The last day of school before the mid-term holidays was quite special for our students. The aim was to learn more about animal welfare and animal rights. We had a number of activities planned and even though we






weren't lucky with the weather, we still managed to carry out most of them. The day started with a special assembly in the school hall where we were joined by parents and family pets, who came especially for the blessing of the animals. We had the pleasure of welcoming birds, rabbits, cats and dogs as well as two very special horses, Pirate and Chukka! A volunteer from RMJ Horse Rescue, a sanctuary that provides a safe and happy home for horses who have been injured, who are no longer fit to race and who are getting on in years, spoke to us about the work the volunteers do every day and how we can help as well. As a school, we were very happy to



donate €500 to this organization, knowing that we would be contributing towards the upkeep and well-being of the horses in its care.

The theme of the day was **Horses** and we had various activities related to this magnificent creature. We learned about the horse's significant role in society, history, art and literature. Our Art students prepared a wonderful exhibition of paintings and drawings of horses. Students of English gave excellent presentations about their experiences with horses, touching on subjects such as adoption and horse care. The History Department prepared very interesting talks about horses in warfare, in particular, the First World War and students also had the opportunity to learn about chariot racing in Ancient Rome.





Outdoors, the students met with a farrier, who very patiently demonstrated and explained how to shoe a horse and once Chukka and Pirate were newly shod, the students could enjoy bareback riding and sulky rides. Needless to say, it turned out to be quite an extraordinary day!

*Ms Claire Camilleri*
Assistant Head

# IF ONLY I KNEW

Where do I go?
Because I'm lost,
I can't find the race,
he left me alone.

I thought it was us
I would run fast for us
I would win the race for us,
but it was you, not us.

You know I miss you,
you were my buddy,
"My Chestnut" you'd say.
If only I knew.

*Sabrina Aouali Grixti*
9.6




In this poem the horse is saying that he is disappointed with his ex-owner. The horse says that he would have done everything for him, but his owner has betrayed him. He admits he is feeling lost and he doesn't know where to go. In the end we can see that even though his owner abandoned him, the horse still misses him!

# IL MIO PAESE

Io abito a Malta.  Malta è un' isola piccola nel Mar Mediterraneo fra l'Europa e l'Africa. Malta è l'isola maggiore di un arcipelago di cinque isole.

Lungo le coste di Malta ci sono molte spiagge con un mare cristallino e sabbia dorata. Ci sono anche panorama fantastici dalle alte scogliere. Il clima a Malta è mite e caldo. Infatti non nevica mai.

Come altri paesi Malta ha una lingua unica, segnata dalle influenze di diversi occupanti come i Cavalieri, i fenici, gli arabi e gli inglesi.

Valletta è la capitale di Malta. È anche il centro turístico e commerciale di Malta. Il Porto Grande, che ha una parte significativa nell'economia di Malta si trova a Valletta. Imdina era la capitale di Malta prima di Valletta. Birgu, Bormla e Isla sono le tre città conosciute anche come Cottonera.



Ogni villaggio ha più di una chiesa  perché i maltesi erano molto religiosi. Malta ha molte feste tradizionali come il Carnevale. La Pasqua e le sagre locali. Ogni festa è abbinata a qualche prelibatezza alimentare. A Carnevale si mangiano le perline e la famosa 'prinjolata'. A Pasqua si fanno le figolle. Poi nelle sagre dei villaggi e alle feste religiose dedicate ai Santi Patroni, uno può gustare il torrone che in maltese si chiama 'qubbajd'.

Se vieni a Malta una volta, sicuramente ritornerai per godere dell' accoglienza, per tanto divertimento e anche per rilassarti in questo ambiente mediterraneo e solare.

*Daniela Pisani*
5.1

# L-EWWEL TERM FL-ISKOLA TAGĦNA

**Is-Sistema Solari fil-kuritur tal-iskola**

Tliet studenti li jistudjaw il-fiżika ddisinjaw mudell *to scale* tal-pjaneti li jinsabu fis-sistema solari, u din twaħħlet fil-kuritur tal-iskola. Il-mudell għandu l-għan li dawk kollha li jidħlu fil-kuritur jistgħu jikkumparaw id-daqs tal-pjaneti u d-distanza 'l bogħod mix-xemx. Il-proġett sar minn affarijiet riċiklati. Mal-ħitan twaħħlu posters li jagħtu aktar informazzjoni dwar is-sistema solari. Dan kien




proġett kross-kurrikulari bejn id-Dipartiment tal-Fiżika, dak tal-Komunikazzjoni Grafika, tad-Disinn u t-Teknoloġija u dak tal-Arti. Esebizzjoni dwar dan il-proġett saret ukoll f'Esplora waqt il-World Space Week 2018




**Inqajmu kuxjenza dwar is-saħħa mentali**

Erba' studenti mill-iskola tagħna kellhom l-opportunità jattendu seminar dwar is-saħħa mentali. L-għan ta' dan is-seminar kien li jinforma lill-istudenti dwar is-servizzi offruti kemm fuq livell ta' skola



kif ukoll fuq bażi nazzjonali. L-istudenti ħadu sehem ukoll f'*workshops* li fihom kellhom iċ-ċans jaħsbu, jaħdmu f'tim, jippjanaw u joħolqu mezz biex iqajmu kuxjenza dwar is-servizzi offruti relatati mas-saħħa mentali. Inħolqu fost l-oħrajn filmati, *posters* u fuljetti. Dan il-materjal ser jintuża mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNZ) biex titqajjem kuxjenza fost il-poplu Malti u Għawdxi.

**Budding Rockstars**




150 student minn madwar Malta u Għawdex, li kienu jinkludu 12-il student mill-iskola tagħna, ingħataw l-opportunità biex jiltaqgħu ma' intraprendituri sabiex jitgħallmu mill-esperjenzi tagħhom jekk kemm-il darba jiddeċiedu li jiftħu intrapriża huma.

**Il-ktieb tar-riċetti 'Tisjir mill-Qalb'**

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-ktieb tar-riċetti 'Tisjir mill-Qalb' huwa kollezzjoni ta' riċetti minn studenti li jitgħallmu s-suġġett tal-ospitalità. Waqt il-lezzjonijiet l-istudenti ddiskutew x'riċetti jistgħu jagħmlu, għamlu riċerka u ġabu fil-klassi riċetti

diversi li ħadmu fuqhom. Flimkien mal-għalliema mbagħad iddeċidew liema tliet riċetti jippreżentaw. Fil-fatt l-ewwel tliet riċetti ta' dan il-ktieb huma t-tliet riċetti preżentati mill-istudenti tal-iskola tagħna. Dawn l-istudenti, flimkien mal-għalliema tagħhom, kienu mistiedna l-palazz tal-President fejn ġew preżentati b'tifkira mill-E.T. l-President ta' Malta.







## Esebizzjoni tal-arti





L-istudenti tal-arti tal-Year 10 u Year 11 ħadmu biex tellgħu esebizzjoni tal-arti bit-tema prinċipali tkun iż-żwiemel. F'dan il-proġett l-istudenti ħadmu fuq tema waħda komuni, mifruxa fuq stili differenti mill-istorja tal-arti. L-istudenti għamlu riċerka, esperimentaw u żviluppaw ideat u sabu soluzzjonijiet sabiex waslu għal dan ix-xogħol tal-arti.

## Expo Year 11

L-istudenti tal-Year 11 li issa waslu f'fażi delikata fil-ħajja tagħhom, attendew seminar fl-iskola stess




dwar il-korsijiet li jistgħu jsegwu mis-sena d-dieħla hekk kif jitilqu mill-iskola.

## Ġulepp tal-Ħarrub mill-istudenti tal-Princes' Trust

L-istudenti tal-Princes' Trust għal sena oħra ħejjew il-Ġulepp tal-Ħarrub. L-istudenti jitgħallmu l-proċess kollu li wieħed għandu bżonn jagħmel biex ikollu l-prodott finali. Din is-sena, minbarra l-Ġulepp, għamlu wkoll l-imqaret u t-tuffieħ. Dan




huwa proġett awtosuffiċjenti, bil-qliegħ kollu jmur biex ikun sostnut il-proġett innifsu.

## Il-Klabb tax-Xjenza

Kull nhar ta’ Erbgħa, fil-brejk ta’ nofsinhar, numru sabiħ ta’ studenti tad-disa’ u l-għaxar sena qed jipparteċipaw fil-klabb tax-Xjenza organizzat mid-Dipartiment tal-Fiżika fl-iskola tagħna. Waqt il-ħin tal-klabb, l-istudenti, qed jikkunsidraw numru ta’ esperimenti u attivitajiet varji biex b’hekk jieħdu gost jitgħallmu x-Xjenza. F’waħda minn dawn l-attivitajiet, l-istudenti kellhom iċ-ċans jipparteċipaw f’dik li tissejjaħ *Egg drop challenge* fejn huma ħadmu fi gruppi biex iddisinjaw mudell li jista’ jgħin biex bajda li taqa’ minn għoli ta’ żewġ sulari ma tinkisirx. Waqt li kienu qed jibnu dan





il-mudell, l-istudenti tgħallmu japplikaw aspetti differenti tax-Xjenza u setgħu jikkunsidraw kif dawn l-ideat jiġu użati fil-ħajja ta’ kuljum. Jekk hemm xi studenti li jixtiequ jieħdu sehem fil-klabb, huma mħeġġa jkellmu lil wieħed/waħda mill-għalliema tal-Fiżika.

## Benedittu Maths Parents Club

Dan il-grupp issa wasal fit tielet sena konsekuttiva tiegħu, bl-ewwel sessjoni ta’ din is-sena skolastika saret nhar is-Sibt, 24 ta’ Novembru. Hawn il-ġenituri flimkien ma’ wliedhom kellhom jaħdmu flimkien fuq attività interessanti ferm. Il-parteċipanti kellhom jinqasmu fi gruppi u joħolqu forma solida li jkollha l-ikbar volum possibbli. Apparti minn hekk, kellhom ikunu kreattivi kemm jistgħu f’xogħolhom u jkunu kapaċi jispjegaw fid-dettall kif ħadmu biex sabu l-volum tal-forma li jkunu ħolqu. Kemm l-istudenti kif ukoll il-








ġenituri kienu entużjasti ħafna u daħlu għal din l-attività b’ruħhom u ġisimhom. Il-kollaborazzjoni u t-*teamwork* spikkaw ħafna u kienu importanti fl-ippjanar u d-diskussjonijiet li saru qabel ma bdew jinbnew il-forom differenti. Il-matematika involuta kienet waħda varjata u ta’ livell għoli meta tqis ukoll il-fatt li ħafna parteċipanti ma kienu qatt sabu l-volum ta’ ċertu forom partikolari qabel din l-attività. Nemmnu li dawn it-tip ta’ attivitajiet jgħinu sabiex kemm il-ġenituri kif ukoll l-istudenti japprezzaw l-użu u l-bżonn tal-Matematika u japprezzaw is-sbuħija u r-relevanza tas-suġġett.

# XOGĦOL TA' STUDENTI LI JISTUDJAW IL-FRANĊIŻ

## Parlez de votre star préférée



Je m'appelle Joy et j'ai treize ans. Je suis maltaise et j'habite à Kirkop. Aujourd'hui je vais parler de ma star préférée: Lea Van Aacken. Elle, je l'adore! C'est une actrice célèbre allemande. Elle a 19 ans. Elle a les cheveux bruns et les yeux marron. Lea habite à Berlin avec ses parents et son frère. C'est l'actrice principale dans le film "Das tagesbuch der Anna Frank". Je l'admire parce qu'elle est très sympa, jolie et élégante.

*Joy Baldacchino*
9.2



Je m'appelle Serena et j'ai treize ans. Je suis maltaise et j'habite à Birzebbugia. Je vais parler de ma star préférée, Beyoncé. C'est une chanteuse et elle habite aux États-Unis. Elle a trente-sept ans et elle est grande, belle, mince et talentueuse. Beyoncé a les yeux marron et les cheveux blonds. Elle a la peau sombre et ses cheveux sont bouclés. Elle a chanté dans un groupe Destiny's Child mais aujourd'hui elle ne chante plus. Elle est mariée avec le chanteur Jay-Z et elle a trois enfants. Je l'admire parce qu'elle est talentueuse et féministe.

*Serena Caminiti*
9.1

## La nourriture



La nourriture est très importante pour la santé. Moi, j'adore la bonne nourriture! Pour le petit déjeuner je mange des céréales et un yaourt. Je bois du jus d'orange. Normalement, au collège je mange du pain avec un morceau de fromage. Je mange des noix et je bois de l'eau.

Au dîner je mange de la viande ou du poisson avec des légumes et du fromage. Je bois du Coca Cola.

Il est important de manger des aliments sains. Moi, je mange beaucoup de fruits et de légumes. J'adore manger de la salade. Je ne mange pas de bonbons pour rester en forme et parce que je veux être en bonne santé.

La nourriture, c'est délicieuse. J'adore manger! Et toi?

*Kelsey Chetcuti*
9.1



Ma journée consiste de trois repas qui sont: le petit déjeuner, le déjeuner et le dîner.

Je prends le petit déjeuner à sept heures avec ma mère et mon frère. Je mange le déjeuner à dix heures à l'école avec mes amis et je mange le dîner à vingt et une heures avec ma famille. J'aime manger la pizza, les boulettes de viande, le poulet et les pâtes. Je déteste manger les légumes et le poisson. Ma mère prépare le petit déjeuner et mon déjeuner, mais pour le dîner mes deux parents cuisinent.

Pendant les vacances d'été je fais le déjeuner pour mon frère mais quand j'ai du temps libre, j'aime faire des gâteaux ou des biscuits. C'est très délicieux!

*Nicole Vassallo*
*9.2*




*Stampar:* ***CopyServ Ltd.***
*Triq il-Mimosa, il-Ħamrun*
☎ *77 940 904*
✉ *info@copyservltd.com*